**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Novembru, 2024**

Kawza Numru: 26/2019 (MPX)

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) flimkien mal-agenta taghha Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637)**

**vs**

**Godwin Mizzi (K.I. 33789G)**

Preliminari

It-Tribunal;

Ra l-avviz tas-soċjeta' attrici ipprezentat fis-sbatax (17) ta' Settembru 2019 fejn ippremetta:

*Ghid inti konvenut għaliex ma għandekx tiġi kkundannat tħallas lill-atturi, u iktar preċiżament lill-attriċi Thomas Smith Insurance Agency Limited:*

*L-ammont ta' elf u tmienja u sebgħin euro u ħamsa u sittin ċentezmu (€1,078.65) u l-imgħaxijiet relativi mid-data tan- notifika tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ġunju 2019, oltre l-ispejjeż ta' dik l-ittra u tal-ittra interpellatorja tat-18/11/2018 rappreżentanti spejjeż inkorsi minnhom inutilment u bħala riżultat dirett ta' dikjarazzjonijiet skorretti u misleading magħmula minnek dwar il-konsegwenzi ta' inċident tat-traffiku li seħħ fis-16 ta' Settembru 2016 fi Triq l-Imdina, Żebbuġ, Malta bejn il-vettura tiegħek BBX 187 misjuqa minn persuna inkarigata minnek, Duane Carabott, fuq naħa u l-vettura JBM 541 ta' Bernard Buhagiar, li kienet ipparkjata. Dawn id-dikjarazzjonijiet jikkonsistu inter alia fl-asserzjoni ripetuta tiegħek li Duane Carabott kien diġà ħallas l-ispejjeż neċessarji sabiex giet irranġata I-vettura ta' Buhagiar. Konsegwentement inbdew*

*proċeduri ta' arbitraġġ bir-riferenza M5522/2018 fl-ismijiet "Untours Insurance Agents Limited et vs Thomas Smith Insurance Agency Limited et" deċiżi fid-9 ta' Mejju 2019, u r- rikorrenti kellhom iħallsu I-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ, spejjeż li kienu jiġu evitati kieku ma saritx dik id-dikjarazzjoni qarrieqa da parti tiegħek.*

Ra r-risposta tal-intimat Godwin Mizzi preżentata fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2019 fejn wiegeb:

*1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal, stante illi anke jekk din hi kawża għad-danni wara proċeduri oħra ġaladarba hi emergenti minn inċident awtomobilistiku hu kompetenti l-arbitraġġ;*

*2. Illi l-intimat qatt ma qal jew għamel id-dikjarazzjonijiet imsemmija u kull meta tkellem ma l-assikurazzjoni tiegħu kien dejjem skont l-aħjar tagħrif li kellu;*

*3. Illi bla preġudizzju l-kumpaniji attriċi kellhom kull mezz kif jivverifikaw l-affarijiet u kienu negligenti meta ma għamlux dan. Inoltre l-affarijiet setgħu jiġu verifikati mal-inizju tal-proċeduri t'arbitraġġ u ma kienx hemm bzonn li wieħed imur għal-lodo u jzid l-ispejjes.*

*4. Bla pregudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Stante li l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut kienet giet deciza permezz ta' sentenza in parte moghtija fil-15 ta' Novembru, 2023, din id-decizjoni hija limitata ghall-bqija tal-eccezzjonijiet imqajma, fid-dawl tat-talbiet maghmula.

Ra x-xhieda ta' Godwin Mizzi, moghtija fil-25 ta' April, 2023, fejn xehed hekk:

Illi huwa m'ghandux hlasijiet x'jaghti. Jghid illi lil certu Dwain Carabott jafu peress illi kien jahdem mieghu bhala xufier tat-towtruck, u li dam jahdem mieghu ghal ftit xhur. Mistoqsi dwar il-fatt li fit-talba jinghad illi huwa ghamel dikjarazzjonijiet skorretti u zgwidanti, il-konvenut jghid illi huwa m'ghamilx dikjarazzjonijiet foloz, u li qal dak kollu li kien jaf, li huwa facilment verifikabbli mis-socjetajiet attrici.

Mistoqsi dwar l-incident li sehh fis-16 ta' Settembru, 2016, huwa jghid illi x-xufier tieghu, l-imsemmi Dwain Carabott, kien laqat vettura li kienet ipparkjata x'imkien lejn Haz-Zebbug, Triq l-Mdina, Haz-Zebbug. Izid jghid li x-xufier tieghu kien bit-*tow truck*, li kellu l-pjanca ta' registrazzjoni BBS 187. Jghid illi dan it-*tow truck* kien registrat fuq il-kumpanija tieghu, bl-isem ta' '*Towzone*'.

Izid jghid illi dan it-*tow truck* inbiegh u gie sostitwit b'iehor. Mistoqsi dwar dak li nghad, u cioe` li minhabba dikjarazzjonijiet li kien ghamel l-istess konvenut Dwain Carabott kien hallas l-ispejjez, jghid illi m'huwiex minnu li huwa qal hekk, u li Carabott ma harigx flus zgur.

Ikompli jixhed illi l-kwistjoni kienet li huwa fetah il-*claim* b'mod normali u minhabba xi firma, din ma gietx accettata ghaliex talbu firma minghand Dwain Carabott. Jghid illi ma' dan Dwain kienu nqalghu xi divergenzi u ma setghux ikellmuh, u ghaldaqstant ma setghux jottjenu firem minghandu. Jghid illi x'hin hadha kellu xi kaz fuq xi serq u kien il-habs ukoll, u allura ma kienx possibbli li tigi ottenuta l-firma.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk, bhala fatt, fil-mument li fih sehh l-incident il-vettura kinitx registrata fuq ismu, ix-xhud iwiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk kellux polza ta' assigurazzjoni ma' Gasan Mamo bhala Godwin Mizzi meta sehh l-incident, huwa jwiegeb li bhala kumpanija, u li ma jafx wiehed x'irid ifisser biha Godwin Mizzi; huwa wiehed mid-Diretturi.

Mistoqsi in kontro-ezami meta fetah il-claim relattiva ghall-incident, il-konvenut jghid li bl-amment ma jafx. Mistoqsi jekk l-excess thallasx minnu, huwa jwiegeb fl-affermattiv. Ghall-mistoqsija jekk ghandux ircevuta tal-excess, jghid illi l-excess hallsu, imma x'hin ma accettawx il-claim intbaghat rifuzjoni tal-flus imhallsa. Il-konvenut obbliga ruhu li jipprezenta kopja tal-excess imhallsa minnu, kif ukoll dik tar-rifuzjoni.

Ghall-mistoqsija dwar fejn kien joqghod fis-26 ta' April, 2017, ix-xhud jghid li l-indirizz tieghu kien, 'Is-Segonis, Mizzi Court, Triq Marsalforn'. Jghid illi fl-4 ta' April, 2018 kien ghadu hemmhekk, u wkoll fis-26 ta' April, 2018.

Il-konvenut jghid illi ittri minghand Thomas Smith Insurance Agency Ltd dwar l-incident in kwistjoni ma rcieva qatt. Mistoqsi dwar min joqghod fl-indirizz indikat, ix-xhud iwiegeb li l-gharusa.

Ra x-xhieda ta' Keith Borg Degiorgio, Senior Claims Executive fi hdan id-Dipartiment ghal Servizzi tal-Konsumatur tas-socjeta` Thomas Smith Insurance Agency Limited, moghtija permezz ta' dikjarazzjoni guramentata, li permezz taghha jghid illi:

Il-konvenut kellu polza ta' assigurazzjoni kummercjali mahruga mis-socjeta` Thomas Smith Insurance Agency Limited, bhala agent ta' GasanMamo Insurance Limited, fuq bazi ta' terzi biss, fir-rigward ta' vettura tal-ghamla Ford Transit 350, bin-numru ta' registrazzjoni BBX 187, liema vettura kienet involute f'incident fis-16 ta' Settembru, 2016. Jghid illi l-vettura danneggjata kienet dik bin-numru ta' registrazzjoni JBM 541, propjeta` ta' Bernard Buhagiar, assigurata ma' Qatar Insurance Limited tramite l-agent taghhom Untours Insurance Agency Limited.

Izid jghid li, ai termini tal-kundizzjonijiet tal-polza u l-procedura f'kaz ta' incident, l-assigurat huwa obbligat josserva u jissodisfa s-segwenti:

*Claims Procedure – to get the full benefit of this policy, you (or your legal representative after your death) must follow the steps below when making a claim:*

- *Report your accident to the relative authorities, or to the appointed company who are making the relative on-site reports;*
- *Inform our Claims Division and give all the information and help we may reasonably ask for. We will not accept responsibility for the cost of goods or services which we have not authorised;*
- *Take all reasonable steps to recover your lost or stolen vehicle or other property or inform us upon receipt of any letter or any other document about the accident. If you do not do so it could prejudice your claim. All documentation must be forwarded to us immediately unanswered;*
- *Never discuss liability with anyone unless we agree first. In the event of theft or other criminal act which may give rise to a claim under this policy, you or any person claiming indemnity under this policy must advise the police authorities immediately and co-operate with us to convict the offender;*
- *Inform our Claims Division if anyone insured under this policy is going to be prosecuted as a result of the loss or accident, or if there is going to be an inquest, enquiry or fatal accident inquiry or becomes aware of any legal judicial proceedings brought or threatened, whether in Malta or in a foreign court or tribunal;*
- *You may not leave your vehicle or any other property with us for us to deal with;*
- *You must make a claim in writing with us within fourteen days of the loss or accident and you must also pay the relative policy excess immediately.*

Jghid illi fil-kaz odjern, l-assigurat naqas milli jaghmel kuntatt maghhom u milli jhallas il-policy excess, u dan minkejja id-diversi interpellazzjonijiet dwar dan, inkluz permezz ta' ittri datati is-26/04/2017, l-04/04/2018, u s-26/04/2018, kopji ta' liema huma annessi.

Izid jghid illi fl-4 ta' April, 2018, intbaghtet ittra lill-assigurat taghhom, li permezz taghha nfurmaw dwar l-intenzjoni taghhom li jissaldaw it-talba tat-terz. Jghid li, izda, l-assigurat mar fl-ufficju taghhom u ta istruzzjonijiet biex dan ma jsirx, peress li kien diga` hallas lit-terz hu direttament. Ikompli jixhed li, kif jemergi mill-annessa komunikazzjoni elettronika mizmuma ma' Untours, huma kienu nfurmawhom li l-assigurat taghhom kien qed isostni li kien diga` sar hlas direttament minnu.

Madanakollu, ikompli jghid li, minn dak li rrizulta mir-risposti moghtija mill-istess Untours, kien jidher li l-assigurat taghhom kien hallas biss it-third party excess

direttament lill-Untours. Gustament, wara li Untours kienu ssaldar l-ispejjez relatati max-xoghlijiet riparatorji, huma fittxew li jirkupraw id-differenza bejn l-ispejjez tar-riparazzjonijiet minghandhom jew minghand l-assigurat taghhom. Ikompli jixhed li, ovvjament, l-assigurat taghhom ma kellu qatt ihallas l-excess lis-socjeta` assiguratrici tat-terz, imma kellu jhallas il-policy excess u jiftah il-claim maghhom.

Jghid li in vista tal-fatt li l-konvenut baqa' ma fetahx il-claim maghhom, huma kieny ghaldaqstant inabbli li jissaldaw l-ammonti mitluba, u sussegwentement, Untours fethet proceduri ta' arbitragg fil-konfront tas-sewwieq involute, Duane Carabott, u kontrihom, bhala l-assiguraturi koncernati.

In vista ta' dan, izid jghid, fis-26 ta' April, 2018, baghtu ittra lill-konvenut, fejn gharrfuh li kien qieghed jinzamm responsabbli ghall-ispejjez legali kollha li kienu gew minnhom inkorsi minhabba vjolazzjoni tal-polza ta' assigurazzjoni.

Izid jghid li Duane Carabott ma setax jigi rintraccat, u ghaldaqstant giet moghtija sentenza fil-konfront ta' Thomas Smith Insurance Agency Limited mill-arbitru.

Jghid illi sad-data tal-affidavit, hum kienu hallsu total ta' €1,110.17 bhala assiguraturi, u dan ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Izid li huma qeghdin jitolbu li jigu rifuzi l-ammont ta' €55 in linea ta' policy excess li qatt ma thallus, u l-ispejjez legali u interessi kollha, ammontanti ghal €853.26, bl-ammont globali jkun dak ta' €908.26.

Ra d-dokumenti kollha annessi mal-istess dikjarazzjoni guramentata;

Ra x-xhieda in kontro-ezami ta' Kevin Borg Degiorgio, fejn afferma illi l-claim in kwistjoni hija dik bin-numru 160857, u li l-vettura hija dik tal-ghamla Ford Transit, bin-numru ta' registrazzjoni BBX 187. Jghid li jaqbel li l-polza nharget minn Godwin Mizzi, u jghid li l-ispejjez mitluba minnhom huma mhux biss l-ispejjez tal-arbitragg, imma wkoll spejjez illi kellhom johorgu, inkluz, ghalhekk, hsarat tal-vettura l-ohra.

Jghid illi l-ittri li kienu qed jintbaghtu lill-konvenut kienu qed jintbaghtu permezz ta' posta normali, pero` wahda minnhom intbaghtet ukoll bhala posta registrata, u ghandhom konferma li l-konvenut irceviha. Jghid li din hija dik datata l-4 ta' April, 2018.

Jghid li meta kienu jintbaghtu l-ittri l-ohrajn, kienet iccemplilhom lura certa Charmaine mit-*Towzone* u tghidilhom li rceviet l-ittra. Izid jghid li, per ezempju, fl-4 ta' Mejju, 2018, kienet qaltilhom li kienet qed titkellem ma' certa Luana Tonna li hija *tight* intermediary tat-*third party,* u li kienet baghtitilha cekk bil-posta; cekk numru 270, mahrug mill-Bank of Valletta plc.

Ikompli jixhed li Charmaine, li semma iktar qabel, hija l-*partner* ta' Godwin Mizzi, jew impjegata tieghu. Jghid li dwar l-ittri li ma ntbaghtux b'mod registrat m'ghandux notifika. Jghid li izda l-fatt li Charmaine kienet iccempel kull darba li tintbaghat ittra

juri li l-ittri kienu qed jircevuhom. Jghid illi l-istess Charmaine kienet taghmel kuntatt ma' rapprezentanti ohra tas-socjeta`, u li dwar dan hemm notamenti fis-sistema. Jghid li l-ittri kienu jintbaghtu lil Godwin Mizzi qua sid il-vettura, ghaliex ir-relazzjoni taghhom mieghu qieghda fl-ahhar mill-ahhar.

Mistoqsi x'ghandu x'jghid dwar jekk Godwin Mizzi fetahx claim, ix-xhud jasserixxi li zgur li le, u jghid ukoll li dwar dan ghandu diversi nita minn Eucharist Mercieca, bhala l-agent taghhom f'Ghawdex, li jikkonfermaw li claim ma nfethitx.

Ix-xhud obbliga ruhu li jipprezenta kopja tal-ammonti mhallsa.

Ra x-xhieda ta' Godwin Mizzi, moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2023, fejn gie riferut lilu li fis-seduta precedenti kien xehed li kien hallas €55 meta fetah il-claim, u li kien obbliga ruhu li jgib l-ircevuta relattiva. Jghid li din l-ircevuta ma sabhiex. Mistoqsi jekk kienx minnu li kien mar ghand Eucharist Mercieca, jghid li, iva, mar ghandu sabiex jara ghandux kopja tal-ircevuta. Jghid li dan l-ewwel beda jfittixha imbaghad cempel Malta fejn qalulu biex ma jaghtix informazzjoni peress li kien hemm kaz il-qorti.

Il-konvenut jikkonferma illi Charmaine Mifsud hija s-siehba tieghu, li ghandhom it-tfal flimkien, u li jghixu taht l-istess saqaf.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta` GasanMamo Insurance Limited, fil-15 ta' Settembru, 2023, li permezz taghha gew esebiti l-pagamenti kollha maghmula.

Ra x-xhieda ta' Godwin Bugeja, in rapprezentanza tal-Maltapost Plc., moghtija fis-17 ta' Ottubru, 2023, fejn, b'referenza ghan-numru indikat fuq it-tahrika ta' xhieda mahruga, jghid illi l-ittra ma kinitx tqassmet, u li kienet marret lura ghand min kien baghatha.

Ra illi waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2024, Dr Kevin Mompalao ghall-konvenut kien iddikjara li qed jezenta lill-atturi mill-prova tal-awtenticita` tad-dokuementi esebiti man-nota taghhom tal-15 ta' Settembru, 2023.

Ra illi minkejja l-ghadd ta' differimenti intizi sabiex fihom il-konvenut iressaq il-provi tieghu, dan naqas milli jressaq l-istess, u t-Tribunal kien kostrett jiddikjara bhala maghluq l-istadju tal-provi tieghu.

Ra li l-legali tal-partijiet iddikjaraw, waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju, 2024, li ma kienx fadlilhom iktar kontro-ezamijiet x'jaghmlu.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetajiet atturi.

Ikkunsidra:

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta illi l-konvenut kellu polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjetajiet atturi fir-rigward tal-vettura tal-ghamla Ford Transit, bin-numru ta' registrazzjoni BBX 187, liema vettura, fis-16 ta' Settembru, 2016, kienet involuta f'incident tat-traffiku.

Illi, ai termini tal-istess polza ta' assigurazzjoni, l-assigurat kien tenut jaderixxi mar-regoli u kundizzjonijiet hemm skritti, u li jsegwi wkoll l-passi hemm imnizzla bhala necessarji fl-eventwalita` ta' incident stradali, u cioe`:

- *Report your accident to the relative authorities, or to the appointed company who are making the relative on-site reports;*
- *Inform our Claims Division and give all the information and help we may reasonably ask for. We will not accept responsibility for the cost of goods or services which we have not authorised;*
- *Take all reasonable steps to recover your lost or stolen vehicle or other property or inform us upon receipt of any letter or any other document about the accident. If you do not do so it could prejudice your claim. All documentation must be forwarded to us immediately unanswered;*
- *Never discuss liability with anyone unless we agree first. In the event of theft or other criminal act which may give rise to a claim under this policy, you or any person claiming indemnity under this policy must advise the police authorities immediately and co-operate with us to convict the offender;*
- *Inform our Claims Division if anyone insured under this policy is going to be prosecuted as a result of the loss or accident, or if there is going to be an inquest, enquiry or fatal accident inquiry or becomes aware of any legal judicial proceedings brought or threatened, whether in Malta or in a foreign court or tribunal;*
- *You may not leave your vehicle or any other property with us for us to deal with;*
- *You must make a claim in writing with us within fourteen days of the loss or accident and you must also pay the relative policy excess immediately.*

Mix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` assiguratrici, jemergi li l-konvenut ma kien ghamel l-ebda kuntatt mal-istess socjeta`, u l-gharfien tas-socjetajiet atturi dwar l-incident de quo kien moghti lilhom mis-socjeta` assiguratrici tat-terz.

L-istess rapprezentant jghid illi kienu ntbaghtu lill-konvenut diversi ittri. Minkejja li l-konvenut isostni li tali ittri qatt ma gew ricevuti minnu, huwa ta' relevanza l-fatt li, in segwitu tal-istess, kien jinzamm kuntatt minn certa Charmaine Mifsud, li l-

konvenut innifsu jikkonferma li hija s-siehba tieghu u li tghix mieghu fl-indirizz li fuqu kienu qed jintbaghtu l-ittri. F'dan l-isfond, it-Tribunal jiskarta bhala inveritiera l-verzjoni moghtija mill-konvenut li ma kienet waslitlu l-ebda ittra.

Jirrizulta bhala daqstant iehor inveritier lit-Tribunal dak li jghid il-konvenut fir-rigward tal-ftuh tal-claim u l-hlas maghmul minnu, fejn, wara li kien obbliga ruhu li jipprezenta l-ircevuti relattivi, huwa jghid li dawn ma setax isibhom. It-Tribunal jinnota ultirjorment li ma sar l-ebda sforz mill-istess konvenut biex b'xi mod isostni l-verzjoni tieghu, u dan la bil-produzzjoni ta' xhieda, u lanqas bil-prezentazzjoni ta' kwalsiasi dokumenti. Dan ikompli jikkonvinci lit-Tribunal dwar in-nuqqas ta' kredibilita` tal-istess konvenut.

Mill-banda l-ohra, it-Tribunal jinnota li x-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjetajiet atturi kienet wahda kostanti, dettaljata, u sostnuta minn dokumenti u korrispondenza.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet atturi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri

Gudikant

(ft.) Kylie Mizzi

Ghad-Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur